**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-Erbgha 26 ta' Gunju 2019**

**Rikors Numru : 39/2019JPG**

**Kawza Numru : 30**

**CW**

**vs**

**GJ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' CW, datat 28 ta' Jannar 2019, a fol , li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (Certifikat taz-Zwieg anness Dok A);*

*Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' (4) snin sussegwentement isseparaw legalment permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Joseph Abela datat tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) (Dok B);*

*Illi l-partijiet ghandhom wild tifel li ghandu seba' (7) snin;*

*Illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data li fiha l-partijiet isseparaw minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

*Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;*

*Ghaldaqstant l-esponenti CW umilment titlob lil din l-Onor. Qorti joghgobha tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat GJ bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onor. Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skond il-Ligi, u dan taht dawk il-provediment li din l-Onor. Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' GJ, datat 15 ta' Mejju 2019, a fol 13, li taqra hekk:

*Illi l-esponent ma jopponix ghat-talbiet tar-rikorrenti kif kontenuti fir-rikors taghha ntavolat nhar it-28 ta' Jannar 2019.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**CW** xehdet illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Gunju 2010 u kienu ottjenew s-separazzjoni personali fit-8 ta' Jannar 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed, illi ghadu minorenni. Spjegat illi m'hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti lilha jew ghal binha. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**GJ** xehed u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A.** (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*

***66B.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 ta' Gunju 2010 (vide certifikat taz-zwieg Dok A, fol 7) u li minn dan iz-zwieg l-partijiet kellhom tifel wiehed li ghadu minorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Joseph Abela, datat 8 ta' Jannar 2015 (vide Dok.B fol 2 et seqq.) u li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**